# Il-Mandolina – frotta jew strument? (It-Tieni Parti)
## *Orkestri Mandolinistiċi*

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Fil-ktieb tal-festa tas-sena l-oħra kont ktibt artiklu fuq jekk il-mandolina hix frotta jew strument mużikali. Sibna li dal-istrument ħa ismu minn frotta oħra - il-lewża, bit-Taljan *mandorla*. Fl-istess artiklu tkellimna wkoll dwar l-istorja tiegħu, kif dan trid tikkurdah u l-mod kif jindaqq. Sibna wkoll li bħala strument, id-daqq tal-mandolina, għall-bidu tas-seklu 20, kien ferm popolari hawn Malta, speċjalment fil-festi folkloristiċi. Uħud mill-kompożituri Maltin saħansitra kitbu għalih, fosthom Mro. Carmelo Pace. L-iskop tal-artiklu ta' dis-sena hu li nlaqqagħkom ma' xi għaqdiet mandolinistiċi li naf bihom jien li nibtu fi ħdan iċ-ċirkoli soċjali ta' dak iż-żmien, u li mbagħad kibru f'orkestri biex eventwalment ittrasformaw ruħhom f'baned formali kif nafuhom illum. Il-gruppi mandolinistiċi li ser nitkellem dwarhom hawnhekk kollha nbdew ħafna qabel il-Gwerra. Imma warajha kien hemm min irnexxielu jirxoxta dil-għamla ta' mużika u jagħtiha dehra aktar moderna. Iżda dwar dan nitkellmu f'artiklu ieħor.

Kliem muftieħ: Mandolina, Għaqda Mandolinistika, Orkestra Mandolinistika, Dun Karm Psaila (poeta nazzjonali), Mro. Mario Cirillo, Mro. Antonio Miruzzi, Mro. Antonio Azzopardi, Mro. Ġużeppi Frendo, Mro. Lorenzo Gonzi, Għaqda Każini tal-Banda, University of Malta 'G.F. Abela' Junior College, Għaqda Mużikali Sant' Anna Wied il-Għajn (Marsascala).

Dal-artiklu nixtieq nibdieh billi ngħid li anke l-Poeta Nazzjonali kien idoqq il-mandolina. Skont Ninu Cremona, Dun Karm kien iħobb idoqqha l-aktar waqt il-ħin tal-mistrieħ. Minbarra lilha kien idoqq ukoll xi ftit il-pjanu u l-klarinett, forsi aktar bl-udit peress li ma kienx jaqra jgħaġġel il-mużika. Illum il-ġurnata dil-mandolina tinsab miżmuma b'għożża fil-Mużew tal-Katidral tal-Imdina flimkien mal-pjanu fil-kamra ddedikata lil Dun Karm. Il-mandolina kienet proprjetà tal-Akkademja tal-Malti, u għamlet snin tiġri fil-post fejn kienu jiltaqgħu l-ewlenin poeti, il-Belt.



*Il-mandolina li kien juża Dun Karm. Miżmuma fil-Mużew tal-Katidral tal-Imdina.*

Skont Joseph Mifsud Matrenza, l-aqwa storjogafu tas-Soċjetà Ġużeppina Ħamruniża, 'ħafna għaqdiet mużikali xettlu fergħat oħra tal-mużika barra l-banda, bħal orkestri sinfoniċi, orkestri mandolinistiċi, komplessi kitarristiċi, jazz u gruppi mużikali oħra'.[1] Hemm soċjetajiet filarmoniċi oħrajn, l-aktar il-qodma nett, li fi ħdanhom l-ewwel li ma waqqfu kienet orkestra, ġieli tal-mandolini, li mbagħad ġiet ittrasformata f'banda. Madankollu, ftit huma dawk is-soċjetajiet li għandhom dokumentat kif u meta l-orkestra fi ħdanhom kienet ġiet ittrasformata f'banda kif nafuha llum. Oħrajn jistgħu joqogħdu biss fuq dak li jgħidulhom x-xjuħ tal-belt jew raħal fejn hemm imwaqqfa das-soċjetajiet.



Mro. Mario Cirillo (1891-1955)

Fil-Ħamrun biss kienu nibtu xi orkestri mandolinistiċi fil-bidu tas-seklu 20. Infatti, qabel ma twaqqfet l-Orkestra *Unione* fi ħdan is-Soċjetà msemmija fl-

[1] Ktieb taċ-Ċentinarju 1889-1989.

1926, kienu faqqsu xi orkestri żgħar fosthom, iċ-*Circolo Mandolinistico Bellini*[2] is-*Società Orchestrale Nicoló Isouard,* u l-orkestra tad-Domus *San Paolo*. Skont Alfie Guillaumier, is-*Soċjetà Vincenzo Bellini* twaqqfet għall-ħabta tas-snin 1920-4 minn ftit ġuvintur puliti li kellhom il-każin tagħhom f'dar Nru 1, fi Triq Fra Diegu. Wieħed mill-għanijiet tagħhom kien li kultant żmien filgħaxijiet joħorġu jduru mat-toroq tal-Ħamrun biex bid-daqq u l-kant tagħhom jallegraw lin-nies t'hemmhekk. Ġieli wkoll, dil-orkestra tal-allievi kienet tieħu sehem fit-teatrini li kienu jsiru fil-bitħa tal-Każin tal-Banda msemmija. L-orkestra kienet imwaqqfa u diretta mis-Surmast Mario Cirillo[3]. Fil-każ tas-*Soċjetà Nicoló Isouard* ftit li xejn nafu dwarha ħlief li kienet twaqqfet fl-istess żmien tal-oħrajn, jew forsi xi ftit qabel ukoll – dan dejjem skont tagħrif maħruġ mill-*Guida generale* li bdiet tippubblika lista ta' soċjetajiet orkestrali mill-edizzjoni tal-1918 'il quddiem. Żgur li dil-orkestra ma dehritx aktar fil-lista wara s-sena 1932, u għaldaqstant, wieħed jassumi li ma kenitx baqgħet tiffunzjoni. L-istess surmast Cirillo kien jidderieġi wkoll lill-orkestra tad-Domus[4] *San Paolo* li kellu s-sede tiegħu fi Strada Rjali, il-Ħamrun. Meta s-surmast Cirillo kien ikun indispost, kien jidħol minfloku s-surmast G. Pace. Ġieli kien isir ukoll xi programm ta' kant minbarra dil-mużika. Ġara li, uħud mill-mużiċisti tat-tlitt orkestri żgħar li semmejna ngħaqdu ma' xi bandisti mill-Banda Ġużeppina biex iffurmaw l-Orkestra *Unione* taħt il-bakketta tas-surmast Willie Attard. F'artiklu ieħor li jitratta l-orkestri fi ħdan il-baned ikollna ċans nitkellmu ħafn' aktar fit-tul fuq dil-orkestra.



L-Orkestra mandolinistika 'La Valette' imwaqqfa fl-aħħar deċennju tas-seklu dsatax, b'Mro. Miruzzi bħala direttur

Orkestra mandolinistika oħra kienet twaqqfet fl-1897 fi ħdan il-banda 'La Valette' tal-Belt Valletta. Dan nafuh mill-minuti tal-laqgħa li kienet inżammet fit-23 ta' Novembru 1898, u li fiha saret diskussjoni dwarha fil-kumitat peress li din kienet diġà mwaqqfa ftit tax-xhur qabel. F'dil-laqgħa kien ġie deċiż li Mro. Antonio Miruzzi jiżdied lira fis-salarju tiegħu bħala surmast tagħha bl-obbligu li 'jgħallem lill-allievi, li jirranġa l-biċċiet tal-mużika li jkun hemm bżonn, u li jagħmel żewġ kunċerti (provi) fil-ġimgħa.' Kull arranġament mużikali kellu jibqa' proprjetà tas-Soċjetà meta s-surmast iħalli dil-kariga. Bla dubju, dil-orkestra kienet imxiet ħafna 'l quddiem taħt id-direzzjoni ta' das-surmast bravu u 'kienet spiss tagħti programmi, kemm fit-teatri kif ukoll bnadi oħra'.



Mro. Antonio Miruzzi (1867-1944)

[2] Fil-ktieb ta' Alfie Guillaumier, *Il-Ħamrun – żvilupp ta' seklu*, paġna 45, insibuha bħala Società Vincenzo Bellini. Ta' min jgħid hawnhekk, li missier Alfie kien idoqq il-vjolin ma' dil-orkestra.

[3] Mario Cirillo (1891-1955) twieled il-Belt. Studja l-mużika għand missieru stess. Skont RMB, fi Tripli studja l-armonija għand is-Surmast Ernest Gillet u jdoqq il-vjolin fl-ewwel ċinema tal-Belt. Bħala direttur insibuh ta' 20 sena jidderieġa operetta fir-Real. Waqqaf l-*Amateurs Musical Society* u l-*Orkestra Bellini* bl-istudenti tiegħu stess. Idderieġa l-Orkestra tad-diski tad-Ditta P. Carabott, tal-*Malta Lyric Company*, tal-Indipendenza u tal-Kumpanija tal-Operetti *Città di Roma*. Taħt id-direzzjoni tiegħu kantaw ukoll artisti kbar fosthom, Maurice Chevalier u Mayol fil-Palmarium ta' Tuneż (1924). Għamilha ta' surmast tal-kori fl-opra *I Cavalieri di Malta* ta' Anton Nani (1926). Idderieġa orkestra ta' 100 ruħ b'kor numeruż fl-Argotti u diversi opri kantati bil-Malti (1938). Idderieġa wkoll opri fi *Radio City Opera House*, il-Ħamrun. Bħala kompożitur kiteb żewġ opri, *Amneris* u *Il Figlio del Sole*, żewġ operetti, it-tnejn bi tlett atti, żewġ poemi sinfoniċi, intermezzi, għadd ta' vaudvilli, solijiet tal-vjolin, vjolinċell, u kitarra u pjanu, rumanzi *da camera*, bċejjeċ għaż-żfin, oħrajn għaċ-Ċini, u innijiet.

[4] Id-Domus kien bħal A.K. jew każin li fih, minbarra laqgħat u priedki, kien isir ukoll kull xorta ta' divertiment onest. Id-Domus kien jieħu ħsiebu Dun Edgar Santucci. Id-Domus kien fejn illum hemm l-ispiżerija tal-*Chemimart*.


GRAN CONCERTO
che daranno le
Soc: Filarmonica e Mandolinistica
LA VALLETTE
coadiuvata dalla ben nota
Soc: Filod: "L'INDIPENDENZA"
che cortesemente si presta
*Domenica 12 Dicembre 1807*
alle 3-30 p.m., al
REAL TEATRO
*gentilmente concesso dal Sigr. Achille Malfiggiani.*
Parte I.
1. SINFONIA - Guglielmo Tell - Rossini
eseguita dalla Soc: Filarm: *La Vallette*
2. Farsa brillante in un atto
con grande Sinfonia per Orchestra
Jean de la granpetreperie !
*Vi prenderà parte tutta la Comp: Filod: Maltese "L'INDIPENDENZA".*
Parte II
La Soc: Mandolinistica *La Vallette* eseguirà:

| | | |
|---|---|---|
| 1. Marcia | TUNISI | A. Miruzzi |
| 2. Pezzi Scelti | JONE | Petrella |
| 3. Do | LUCIA | Donizetti |
| 4. Valse | IL CASSIERE | A. Miruzzi |

Parte III.
La Soc: Filod: L'INDIPENDENZA darà:
*CONTESSA AMALFI*
Vaudeville in un atto di M. A. Borg
GOD SAVE THE QUEEN
*I Prezzi come le Domeniche.*

F'manifest li jidher hawnhekk juri avviż għal *Gran concerto* li kellu jsir fir-*Real Teatro* bil-permess ġentili tas-Sur Achille Malfiggiani, il-Ħadd 12 ta' Diċembru 1897, u li kellu jibda fit-3.30 ta' wara nofsinhar. Fl-ewwel parti tal-programm ħadet sehem is-*Società Filarmonica 'La Vallette'* bis-'*Sinfonia Guglielmo Tell*' ta' Rossini, segwita minn '*Jean de la Granpetreprerie!*', farsa brillanti f'att wieħed mill-*Compania Filodrammatica Maltese 'L'Indipendenza'* u orkestra sinfonika kbira. Fit-tieni parti mbagħad, is-*Società Mandolinistica 'La Vallette'* daqqet bċejjeċ arranġati għall-orkestra mandolinistika li kienu dawn: *Tunisi* (Marcia) tas-surmast-direttur Antonio Miruzzi, *Jone* (Pezzi scelti) ta' Petrella, *Lucia* (Pezzi scelti) ta' Donizetti, u *Il Cassiere* (Valse) ta' Miruzzi wkoll. Wara, l-istess soċjetà filodrammatika ippreżentat Vodvill f'att wieħed mill-pinna ta' Mikelanġ Borg bl-isem ta' 'Contessa Amalfi'. Is-serata għalqet bid-daqq tal-'God Save the Queen'.

Soċjetà mandolinistika oħra kienet twaqqfet ġewwa r-raħal ta' Ħal Lija bit-tħabrik tal-kappillan Dun Mattew Cortis, ħu Dun Xand, awtur magħruf l-aktar għall-praspar ħelwin li kiteb. Skont l-istorjografu ta' dis-soċjetà kollox beda meta beda jintrama xi armar kollu skulturat maħdum miż-żgħażagħ t'hemmhekk fil-ġranet tal-festa. Dan ħajjar 'il xi rġiel biex jibdew jitgħallmu xi strument tal-korda bħala mogħdija taż-żmien. Dan wassal biex fl-1894 titwaqqaf l-għaqda mandolinista u tawha l-isem ta' *Fior d'Arancio* (Fjur tal-Larinġ). Il-mandolinisti bdew joħorġu jdoqqu mat-toroq tar-raħal u jferrħu lil kulħadd bid-daqq tal-kordi melodjużi tal-kitarri u mandolini. Fl-1906, Mro. Antonio Miruzzi kien intalab biex jittrasformaha f'banda, u bil-għajnuna wkoll tal-ewwel surmast, F.S. Pizzuto, il-banda għamlet programm tal-inawgurazzjoni f'qasir żmien. Taħt id-direzzjoni impekkabbli ta' Miruzzi fjorixxiet u tat ħafna servizzi. Minħabba l-ħerba li ħalliet warajha l-Gwerra, ħafna minn xogħlijietu nqerdu. Wara għoxrin sena servizz, Mro. Miruzzi, għajjien bit-tagħbija tax-xogħol u tas-snin, iddimetta minn surmast tal-Banda 'Papa Piju X' fl-1926.


Għaqda Mandolinistika Lijana 'Fior d'Arancio', imwaqqfa fl-1894


Mro. Antonio Azzopardi ("Il-Loqq") (1890-1944)

Orkestra mandolinistika oħra ġġib l-isem ta' *Circolo Orcestrale Sant' Andrea, Villa Lija*. Din kienet twaqqfet minn Antonio (Ninu) Azzopardi ("Il-Loqq") (29.1.1890, Ħal Lija – 25.11.1944) li kien ukoll is-surmast-direttur ta' dal-grupp mandolinistiku. Il-bidu tagħha huwa wieħed ħelu fis-sens li kienet il-Markiża Corunna Scicluna lil tat 'il omm Ninu mandolina biex tħajru jibda jitgħallem il-mużika. Inzerta li f'dik il-ħabta f'Ħal Lija kienet għadha kif twaqqfet is-*Soċietà Mandolinistica 'Fior d'Arancio'* u Ninu kien imġennen biex jissieħeb magħha. Għaldaqstant fittex biex jitgħallimha kemm jista' jkun malajr, iżda ġara li sadattant din xoljiet biex għamlet post għall-ewwel banda Lijana. Meta ra hekk, Ninu ma qatax qalbu, kera kamra, u mill-ftit li laħaq tgħallem għaddieh 'il nofs tużżana żgħażagħ bħalu biex b'hekk għaqqad grupp mandolinistiku. Biż-żmien, dal-grupp kiber f'orkestra tal-Każin tal-Banda 'Sant' Andrea' ta' Ħal Luqa u bdiet saħasitra ddoqq siltiet mill-opri. Ninu kien ukoll kompożitur ta' diversi xogħlijiet fil-biċċa l-kbira tagħhom sagri. Iżda dwar dil-orkestra nitkellmu f'artiklu ieħor iddedikat proprju lilha.



Is-surmast Ġużeppi Frendo

Fil-Birgu wkoll, fil-bidu tas-seklu li għadda, xi żgħażagħ kienu tħajru jiftħu każin ieħor maġenb il-każin tal-banda 'Vittoriosana San Lawrenz' biex fih jibdew jitgħallmu l-kitarri u l-mandolini, li kif nafu, dik il-ħabta kienu ferm popolari. Peress li ma kien hemm ħadd min jgħallimhomlhom, il-kumitat tal-każin tal-banda iddeċieda malajr li jeħodhom taħt idejh biex ma jitlifx it-talent ta' daż-żgħażagħ. U b'hekk qrib l-1908 twaqqfet orkestra apposta għalihom bit-tħabrik ta'Ġużeppi Frendo u Anton Gatt. Semmewha *Società Mandonlistika Don Lorenzo Perosi* li kien il-*Maestro di Cappella* tal-Vatikan u magħruf sew għall-mużika sabiħa li kien jaf kiteb. Meta ntwera li daż-żgħażagħ kienu tħarrġu biżżejjed fid-daqq tal-istrumenti rispettivi tagħhom, l-orkestra mmarċjat minn Triq il-Foss sal-misraħ quddiem il-Każin. Il-programm inawgurali li ttella' wara taħt id-direzzjoni tas-surmast Ġużeppi Frendo[5] kien jinkludi xogħlijiet ta' Verdi, Massenet, Pacifico Scicluna u Rev. P.P. Galea. Fi tmiem il-programm ingħataw xi bukketti tal-fjuri u nżamm ripò. Wieħed mill-aqwa programmi kien dak tas-17 ta' Jannar 1910 ġewwa l-*Casino San Lorenzo* li fih indaqqew xogħlijiet ta' Frendo biss waqt serata f'ġieħu peress li l-ammiraturi ta' dil-għaqda, li issa kien sar jisimha *Soċjetà Mandolinistika Malta*, kellhom mħabba u rispett kbir lejh. Ix-xogħlijiet kienu jinkludu: *Re Emanuele II* (Sinfonia), *Malta, Fiore e Spine*, u *Ave Maria* (Innu), b'dan tal-aħħar jitkanta minn ibnu stess. Id-direzzjoni kienet f'idejn il-kompożitur stess. Frendo kien ingħata tazza tal-fidda minn idejn il-Prokuratur Legali Giuseppe Buttigieg waqt riċeviment li kien sar wara ad unur tiegħu.

Fi ftit snin, l-orkestra mandolinistika bniet reputazzjoni tant tajba li bdiet tagħti sehemha flimkien mal-Banda f'ħafn' okkażjonijiet, fosthom daqq waqt l-intervalli ta' drammi teatrali li ta' spiss kienu jittellgħu mill-*Kumpanijia Alfieri* fiċ-Ċirkolu Brittania, il-Furjana. Dal-interventi kienu jservu t'attrazzjoni addizzjonali u saru ferm popolari mal-udjenza. Ta' min isemmi wkoll is-sehem tal-orkestra mandolinistika flimkien mal-Banda waqt serata mużikali li fiha kienu ġew introdotti sett ta' tmien sassofoni mixtrija mill-Ġermanja. Il-programm, li fih indaqqew għall-ewwel darba dal-istrumenti, kien sar fil-bitħa tal-Armerija fil-Birgu. L-istess orkestra mandolinistika għamlet żmien ukoll toffri s-servizz tagħha fil-Karnival bid-daqq ta' melodiji ballabbli fil-Pjazza tal-Palazz, il-Belt Valletta. Imma forsi l-mument storiku tagħha kien meta eżegwit l-Innu Nazzjonali għall-ewwel darba. Fi kliem il-Poeta Nazzjonali: "L-innu nstema' għall-ewwel darba f'kunċert mużiko-letterarju li għamlet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fit-Teatru Manoel nhar is-Sibt 3 ta' Frar, 1923. Kienet daqqitu s-*Soċjetà Mandolinistika* tal-Birgu, waqt li kantaw il-bniet tal-Iskola tal-Gvern". F'dal-kunċert, minbarra l-Innu Malti, kien indaqq xi xogħol ieħor minn ta' Robert Samut, u nħadmu xi siltiet mid-dramm 'Il-Fidwa tal-Bdiewa' ta' Ninu Cremona. Fl-istess serata kellu jsir ukoll xi żfin u qari ta' poeżija, kollox bil-Malti. U bħal fil-każ t'orkestri mandolinistiċi oħra, l-Għaqda *Don Lorenzo Perosi*, li bdiet minn ftit kitarri u mandolini, kibret u ttrasformat ruħha f'għaqda orkestrali.



'Orcestra San Giuseppe' tal-Kalkara, imwaqqfa fl-1914, u mmexxija mis-surmast Lorenzo Gonzi

L-aħħar orkestra mandolinistika li nixtieq insemmi f'dal-artiklu hi s-*Società Mandolinista 'San Giuseppe'* li twaqqfet fi ħdan iċ-*Circolo San Giuseppe Filarmonika Sagra Familja A.D. 1897* tal-Kalkara. Ta' min jgħid

[5] Għamel żmien jidderiġieha. Kien l-assistent-surmast tal-Banda Vittorjosana u mhux l-ewwel darba li dderieġa l-Banda fin-nuqqas ta' xi surmast, anke f'programmi ta' ċertu portata. Kien bandist u mużiċist ta' ħila kbira. Kien kompożitur tal-Innu-marċ lil San Lawrenz: "Il-Gran Levita Impavido", u innijiet oħra, fosthom tal-innu-marċ lil San Duminku.

hawnhekk, li fl-istess sede tas-Soċjetà kien hemm ukoll l-*Orcestra San Giuseppe*, imwaqqfa fl-1914 taħt id-direzzjoni ta' Mro. Lorenzo Gonzi. Hija kienet daqqet għall-ewwel darba fil-pubbliku fil-festa tal-*Via Sacra* li ġiet organizzata fuq inizjattiva tal-Kappillan. Dil-orkestra tat diversi servizzi fil-Kalkara, speċjalment fil-festa tas-Salib Imqaddes li kienet tiġi ċċelebrata mill-Parroċċa matul ix-xahar ta' Marzu u fil-festa titulari.



Mro. Lorenzo Gonzi (1887-1934)

Iżda mal-mewt ta' Gonzi fl-1934 kienet għoddha sfaxxat, b'xi membri jkomplu jdoqqu sa qabel ma faqqgħet il-Gwerra. U minkejja li wara l-Gwerra kienu saru xi tentattivi biex jirxuxtawha, id-diriġenti taċ-*Circolo* iddeċidew li minflokha jwaqqfu banda. Intant, jidher li l-ewwel darba li dal-Grupp Mandolinistiku tal-Kalkara deher fil-pubbliku kien proprju fil-festa ta' San Ġużepp, is-Sibt 7 ta' Lulju 1917. Taħt il-bakketta tas-surmast Gonzi kienu ndaqqew dax-xogħlijiet: *Divisi ma Uniti* (Marcia) ta' Carmelo Simiana[6]; *Sinfonia Sol* ta' De Giovanni; *Lucia di Lammermoor* (Fantasia) ta' Donizetti; *Mormorio del Mare* (Intermezzo) ta' Salvetti; *Mirelli* ta' Gounod; *Rapsodia a Spagnuola*, ukoll ta' Salvetti; *Onde Morenti* (Valzer) ta' Pelati. Fl-aħħar tal-programm indaqqew l-*Inno San Giuseppe* u *Dio Salvi il Re*.

Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Skalin fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Sant' Anna li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata fir-raħal marittmu ta' Wied il-Għajn, u fl-okkażjoni tal-20 sena tal-orkestra tal-UoM 'Ġ.F. Abela' Junior College taħt id-direzzjoni tiegħi.

Riferenzi:

Attard Anton: Soċjetà Mużikali San Lawrenza belt Vittoriosa A.D. 1883 – Ġrajjietha tul 125 Sena
Battistino Vincent: Lorenzo Gonzi (1887-1934)
Friggieri Oliver: L-Istorja tal-Innu Malti (kif sar u xi jfisser)
Lawrenz Cachia: Dun Karm – Il-Ħajja tal-Poeta Nazzjonali
Mifsud Bonnici Robert: Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u tal-Lum
Zahra Lorenzo: Ġrajjiet il-Banda Vittoriosana San Lawrenz

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)

[6] Lil Mro. Carmelo Simiana, aktar 'il quddiem insibuh direttur tal-*Orkestra Mandolinistika San Ġużepp* tal-Każin tal-Banda 'San Ġużepp' tal-Ħamrun. Dil-Għaqda Mandolinistika kienet inbdiet minn Mro. Willie Attard fl-1953. Iżda dwar dan kollu nitkellmu f'artiklu ieħor iddedikat kollu kemm hu lilha.